**Imnalla li m'int xejn**

Fejn se tasal O bniedem
Għax f'idejk ħallewlek setgħa,
Taħseb li lħaqt is-sema
Qalbek saritilha fetħa.

Inixxi minnha dad-demm
Li sejjer, jiġri u jgelgel,
Demm ferut mis-suppervja
Li qed ifittex, ikejjel.

Għaliex taħseb li kollox
Qiegħed taħt idejk kif trid int?
Mhux li kien li għal darba
Tumilja ruħek, iċċekkint?

B'ilsienu kulħadd jixli
Għax b'dak li jingħad jinqaras,
Imma Alla l-imħallef
Mill-ħażen mhux ħa jiddarras.

Ta' Missier li jaf sewwa
Lil uliedu jikkoreġi,
Jghidu x'jgħidu se jkun hemm
Biex dik ħnientu lilhom treġi.

Iżżiħ ħajr li llum kellmek
Taf li s-sewwa dad-diskors,
Għax waħdek tħossu f'qalbek
Jaf ikabbarlek ir-rimors.

Imma din hi l-imħabba
Tassew tħobb għax tiftaħ l-għajnejn,
Kun umli, dejjem ftakar
Grazzja li mnalla li m'int xejn.

Patri Mario Attard OFM Cap
24 ta' Jannar 2025

Ibierkek Alla li jista kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.